MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2003

Numru 38/2003

Il-Pulizija
(Sp Geoffrey Azzopardi)
vs
Mario Farrugia, iben Joseph,
imwieled Pieta' fit-18 ta'
april, 1965

Il-Qorti,
Rat l-akkuži kontra l-imputat –
1. talli fl-10 ta' lulju, 2002 għal ħabta tal-10.20 a.m. fil-Ħamrun, ikkometta serq
ta' basket kontenenti flus kontanti u dokumenti oħra, liema serq hu kkwalifikat bix-xorta tal-ħaġa misruqa, għad-dannu ta' Joanne Micallef mir-Rabat;
2. talli fl-10 ta' lulju, 2002 u fil-jiem ta' wara, f'dawn il-Gżejjer, xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ, u cioe' l-affarijiet imsemmija aktar 'l fuq, misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew

barra minn Malta, jew b'kull mod li jkun indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom;
3. talli sar reċidiv b'diversi sentenzi tal-Qorti u bi ksur tal-probation a tenur tal-artikolu 5 tal-Kapitolu 152 tal-Liġijiet ta' Malta fejn kien ġie misjub ħati,
b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati tas-6 ta' frar, 2001 u liberat bil-kondizzjonijiet kontemplati fl-istess artikolu tal-liġi.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali eżebita fis-seduta tal-24 ta' jannar, 2003 fejn ta
l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-24 ta' jannar, 2003 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tat-tieni akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah mill-istess akkuża. Issibu ħati tal-ewwel u tat-tielet akkuża miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 261(g), 271(g), 281(a), 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 10(1)(a) tal-Kapitolu 152 tal-Liġijiet ta' Malta u tikkundannah għal piena ta' sitt xhur priġunerija.

--------------------------------TMIEM--------------------------------